Nru. 16,779
Prezz 8c
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Is-Sibt, 17 ta' April, 1999
Saturday, 17th April, 1999

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 287

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-fdalijiet li ġejja, jiġifieri:–

L-Irdum, l-Għerien u
l-Wirt Arkeoloġiku
f'Tas-Sellum, fil-limiti tal-Mellieħa

(ara l-pjanta f'paġna 3112) huma ta' valur ekoloġiku jew arkeoloġiku hekk li għandhom ikunu nklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-fdalijiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu mgħottija, danneġġati jew meqruda.

L-Awtorità qiegħda għalhekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni fuq l-irdum, l-għerien u l-fdalijiet imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) L-Irdum, l-għerien u l-fdalijiet arkeoloġiċi f'Tas-Sellum, fil-limiti tal-Mellieħa, (ara l-pjanta f'paġna 3112), għandhom jitqiesu bħala Area ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell 2 u Sit ta' Importanza Arkeoloġika ta' Klassi B, rispettivament, skond l-RCO 10:8, RCO 12:2 u ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valur ekoloġiku u arkeoloġiku tal-post.

(ii) L-ebda rdim, ħsara, distruzzjoni jew żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà msemmija.

(iii) Kull żvilupp futur, tibdil jew interventi oħra fil-proprjetà msemmija kif ukoll fiż-żona ta' lqugħ, li jistgħu jkunu permessibbli, jeħtieġu l-kunsens bil-miktub u minn qabel mingħand l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet u d-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-fdalijiet jew riżorsi naturali jinqerdu jew jiġu mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-17 ta' April, 1999

GOVERNMENT NOTICE

No. 287

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Inland Cliff and Caves and
Archaeological Heritage at
Tas-Sellum, Mellieħa

(see plan on page 3112) are of archeological importance such that the site should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being covered, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The inland cliff, caves and archaeological remains at Tas-Sellum, limits of Mellieħa, (see plan on page 3112), are to be considered as Level 2 Areas of Ecological Importance and Class B Sites of Archaeological Importance as per Structure Plan Policies RCO 10:8, RCO 12:2 and ARC 2, by virtue of their ecological and archaeological significance, respectively.


(ii) The dumping of material, infliction of damage, destruction or development over the said archaeological features in the property is prohibited.

(iii) Any future development, alterations or interventions within the buffer zone which might be permissible according to the above shall require written prior approval of the Planning Authority in consultation with the Museums Department and the Environment Protection Department.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the publication of this Order.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

17th April, 1999



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E42277, N79906 Max E431221, N808371

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

EMERGENCY CONSERVATION ORDER: TAS-SELLUM

Ref No. :- **GF 0098/99**

Level 2 Area of Ecological Importance and Class B Site of Archaeological Importance
Tas-Sellum,
Mellieha

Form No. :- MU003